Minuti tal-36 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 24 ta' Gunju, 2015.
Il-laqgha nbdiet hin 3.00pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | |
| | Shirley Ann Cecchini |
| | Anthony Camilleri |
| Ambaxxatur V16 | Katrina Grima |
| **Ufficjali:** | |
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-35 laqgha**

1.1 Il-Vici-Sindku irreferiet ghall-punt numru 6.3 fejn hija talbet korrezzjoni peress li hija kienet qalet li l-Quddiesa tigi posposta u mhux ikkancellata. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-korrezzjoni.

1.2 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Promozzjoni ta' Prodotti Lokali**

2.1 Is-Sindku issugerixxa skema ta' ghajnuna promozzjonali mill-Kunsill lil dawk il-produtturi mir-rahal li jipproducu prodotti lokali bhal ma huma gbejniet, kappar, zejt taz-zebbug u ohrajn maghhom. Il-Kunsill jista' jghin fil-promozzjoni ta' dawn il-prodotti billi jipprovdi set ta' *labels* u vazzetti lil kull min jipproduci u jkun interessat f'din l-iskema. Permezz ta' dan ikun qed isir reklam lir-rahal. Is-Sindku spjega li jrid isir studju u jinholoq makkinizmu sabiex dawn wara jitpoggew fuq l-ixkafef tal-hwienet ghall-bejgh.

Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment u qabel ukoll li min ser jippartecipa jrid jiffirma dikjarazzjoni li dawn huma prodotti mahduma minn materjal lokali. Min-naha tieghu l-Kunsill jipprovdi l-*packing* u l-*labels*. L-ghajnuna tal-Kunsill tkun ghal sena bhala prova biex wiehed jara x'rizultati johorgu.

2.2 Shirley Anne Cecchini staqsiet dwar min ser ikunu l-hwienet li jbieghu dawn il-prodotti. Gie spjegat li bhala Kunsill irrid issir studju u jkunu sabiex naraw min ser javvicina l-hwienet u naraw min huwa lest li jbiegh dawn il-prodotti.

2.3 Shirley Anne Cecchini staqsiet x'ser jigri mill-flus meta jinbieghu dawn il-prodotti. Gie spjegat li l-ewwel irid isir studju sabiex naraw x'ikun hemm bzonn li jsir bhal ma huma registrazzjoni u passi iehor li rridu jittiehu qabel ma nitfghu dawn il-prodotti fuq is-suq. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex jippreparaw lista ta' persuni li jipproducu dawn il-prodotti u kif ikun hemm lista l-Kunsill ikun jista' jibda' bil-preparamenti. Jistghu jibdew bi prodotti ta' xahar / perijodu partikolari. Is-Sindku isuggerixxa li jigi kkuntatjat l-Kunsill ta' l-Artigjanat. Il-Kunsill qabel ma' dan.

Emanuel Muscat dahal ghal-laqgha fit-3.08pm.

## 3.0 Depozitu – Permessi Krejns

3.1 Gie spjegat li l-Kunsill qed jiltaqa' ma problemi meta jinhargu permessi peress li qed jibqa' hmieg u jkun hemm problemi sabiex jitnaddaf wara. Is-Sindku spjega li madwar tlett gimghat ilu fil-Pjazza Principali kien hemm zejt fuq il-pavimentar u gie mghotti bir-ramal u spicca ghamel weekend shih u ikkreja hmieg fil-pjazza.

Emanuel Muscat qal li sfortuntament dan jigri minhabba li ma jkunx hawn gwardjan lokali fuq il-post peress li kieku jkunu prezenti dak il-hin huwa jitlob lil min ihammeg sabiex inaddaf.

Emanuel Muscat qal li huwa jaqbel li ghandu jkun hemm gwardjan lokali. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jintalab depozitu ta' €50 pero' dan ghandu jigi limitat ghal trabbijiet u zjut. Sadanittant ghandu jigi kkuntatjat l-Avukat sabiex tigi ppreparata nota li tinghata lill-Kuntratturi dwar dan id-depozitu.

## 4.0 Offerta' Child Care Centre

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat l-offerti li kienu intefghu li kienu tnejn wahda minghand Victoria Sultana u l-ohra minghand MI ChildCare Centre. Gie moqri l-iskeda tat-tender ta' Victoria Sultana u dik MI Child Care Centre.

Gie spjegat ukoll li l-Kunsill kien ivverifika mad-Dipartiment responsabbli u kienu t-tnejn *compliant*. Skond il-kuntratt ezistenti s-Sinjura Victoria Sultana ghandha d-dritt tal-*First Refusal* u ghalhekk din ghandha tigi kkuntatjata. Gie spjegat ukoll li jekk ikun ser isir xi tibdil fil-management irid jigi iccekjat l-inventarju. Il-Kunsill qabel li ghandha tintbghat ittra lis-Sinjura Sultana biex tigi mitluba jekk hux ha tiehu l-*first refusal* peress li l-offerta' ta' MI ChildCare Centre kienet l-aktar wahda vantaggjuza. Ghandha tinghata zmien sa nhar il-Erbgha sabiex taghti r-risposta taghha.

## 5.0 Progetti u Xogholijiet

5.1 Gie spjegat li fil-present qed jigi iffinalizzat ix-xoghol fuq il-ground tal-football. Il-Gimgha d-diehla l-Perit tal-Kunsill ser ikun qieghed jinforma lill-Kunsill dwar il-budget li ser jibqa'. Fir-rigward ta' l-inawgurazzjoni dan ser jithalla ghal Awissu. Peress li bhalissa mhux qed isir loghob tal-football dawn ix-xogholijiet mhux ha jikkrejaw ebda' problema.

5.2 Xoghol iehor li qed isir huwa fi Sqaq il-Fgura fejn inbdnew il-hitan u saret il-bankina.

5.3 Il-Vici Sindku semmiet li l-ilma li kien hiereg fi Sqaq il-Fgura ghadu hiereg. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li dan gie rappurtat kemm bil-*Customer Care* kif ukoll bit-*telephone*. Dan ser jerga' jigi rrapurtat mill-gdid.

5.4 Gie spjegat li fil-prezent il-haddiema qeghdin jaghmlu l-preparamenti bhal tindif u manutenzjoni sabiex ir-rahal ikun fi stat tajjeb qabel il-festa.

5.5 Il-Vici Sindku gibdet l-attenzjoni li fit-triq ta' l-Gharb mhux qed jinqata' l-haxix. Is-Sindku issugerixxa sabiex niktbu nota lid-Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika biex jiehdu l-passi mehtiega min-naha taghhom peress li din hija triq arterja. Il-Kunsill qabel ma' dan.

5.6 Il-Vici Sindku gibdet l-attenzjoni li fit-triq ta' l-Gharb gie li gara l-kaz li qed ikun hemm giri biz-zwiemel u dan huwa perikoluz b'mod partikolari ghar-residenti. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jinnotifika l-pulizija dwar dan.

## 6.0 Skeda ta' Pagamenti

6.1 Emanuel Muscat staqsa dwar il-kontijiet ta' Joe Saliba f'hiex kienu jikkonsistu. Gew spjegati x'kienu jinkludu fihom il-kontijiet.

6.2 Emanuel Muscat staqsa dwar il-kont tal-pavimentar ta' Sqaq il-Fgura. Gie spjegat li din il-bankina kienet giet diskussa u appruvata fl-laqgha precedenti.

6.3 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

## 7.0 Materji ohra

7.1 Is-Sindku spjega li hemm applikazzjoni bhalissa ta' l-EDEN miftuha fir-rigward ta' gastronomija f'irhula zghar. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jisottometti l-applikazzjoni tieghu.

7.2 Is-Sindku spjega li fl-1 ta' Settembru ser jghalqu l-applikazzjonijiet ghall-gemellagg u l-Kunsill jista' japplika ma wiehed mill-irhula li kien hemm prezenti fil-laqgha li saret l-Italja sabiex jigu ospitati gewwa l-Gharb. Din l-applikazzjoni tigi mimlija permezz ta' l-ghajnuna min-naha tal-MEUSAC. Il-Kunsill qabel li ghandha tigi sottomessa din l-applikazzjoni.

7.3 Emanuel Muscat staqsa dwar jekk ikunx possibli li l-iskart jingabar filghodu nhar ta' Sibt. Gie spjegat li sabiex isir hekk tkun trid issir diskussjoni u qbil bejn il-Kunsilli kollha involuti jigifieri dak ta' San Lawrenz u l-Ghasri. Emanuel Muscat zied jghid li normalment il-persuni li jikru l-farmhouses johorgu nhar ta' Tnejn u l-*cleaners* inaddfu u johorgu l-iskart it-Tnejn wara nofsinhar b'konsegwenza li dan ma jingabarx qabel l-Erbgha. Saret diskussjoni dwar dan u dwar il-hangers li jinsabu f'certi zoni. Shirley Anne Cecchini issuggeriet li jsiru bins fejn il-farmhouses pero' huwa problema fejn ser tpoggihom peress li minn esperjenza li kellu l-Kunsill meta kellu dan il-bins dawn ihallu kull tip ta' hmieg madwarhom.

Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni li rega' intrema skart fiz-zona tal-wita'.

Shirley Anne Cecchini issugeriet li kull dar u farmhouse ghandha ikollha two wheeled bin li jithalla quddiem ir-residenza. B'hekk ikun ahjar biex wiehed ihalli l-iskart barra.

Il-Kunsill qabel li ghandhom jigu identifikati s-Sidien tal-Farmhouses u tintbghat lilhom ittra dwar dettalji u hinijiet ta' gbir ta' skart.

7.4 Is-Sindku spjega li kien qed jiddiskuti ma' l-Ambaxxatrici l-gdida Katrina dwar attivitajiet li jistghu jigu organizzati. Huwa stieden lil Katrina sabiex taghti s-suggerimenti taghha. Min-naha taghha hija ssugeriet li jsir boat party ghaz-zghazagh. Is-Sindku qal li Paul Buttigieg ghandu dghajsa tajba li tiehu sa massimu ta' 32 persuna. Katrina qalet li jekk ikun hemm iktar minn 32 persuna tista' tigi organizzata attivita' fuq Kemmuna. Il-Kunsill qabel li Katrina ghandha titkellem maz-zghazagh l-ohra sabiex jiddiskutu meta l-ahjar li jigi organizzat. Wara ghandha terga tigi diskussa mall-Kunsill sabiex jinhareg avviz ta' l-attivita'. Is-Sindku issugerixa li bhala Kunsill ikun jista' jissussidja l-prezz. Il-Kunsill qabel ma' dan u qabel ukoll li l-attivita' ghandha tkun miftuha ghal zghazagh ta' 16-il sena 'l fuq.

7.5 Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni li l-Mera ta' Triq Birbuba mhux qed turi kif suppost. Ittiehdet nota sabiex din il-mera titranga.

## 8.0 Korrispondenza u Materji ohra

8.1 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:

Applikazzjonijiet.ghal permess ta' zvilupp numru PA2032/15 ghal *construction of meter room for electricity supply to soft stone quarry approved in PA5618/98.* Il-Kunsill iddiskuta din l-applikazzjoni fejn gie innotat li jekk dan il-permess jigi approvat ser ikollha titqatta t-Triq ta' Wied il-Mielah li saret permezz ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja. Gie ghalhekk deciz li ghandhom jintalbu aktar dettalji dwar din l-applikazzjoni lill-MEPA fejn ninfurmaw ukoll li il-Kunsill qed jirriserva d-dritt li jkun *objector*.

Applikazzjonijiet ohra ghal permess ta' zvilupp PA2202/15, PA2247/15, PA1902/05 u PA2094/15.
Fir-rigward ta' Applikazzjoni numru PA2094/15 gie innotat li din fir-realta' mhux Sqaq l-Arcipriet imma sqaq minnu 'l isfel.

F'dan ir-rigward il-Kunsill iddiskuta l-ismijiet ta' l-Isqaqien fejn il-Kunsill ra l-importanza li dawn ghandhom jigu imsemmija. L-istess problema qed tinholoq fi Triq San Pietru fejn inbena bini gdid fejn Sqaq ta' Gahan u r-residenti qed jiltaqghu ma' problemi minhabba n-numri tal-bibien ghar-raguni li l-Isqaqien m'ghandhomx isem. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi ivverifikat jekk kienx hemm xi darba li inghataw isem fil-passat u jekk le ghandhom jinghataw.

8.2 Minghand Malta Adlerian Psychology Association b'newsletter dwar din il-fondazzjoni.

8.3 Minghand ECAD dwar WFree Days October 9-10 2015.

8.4 Minghand Parliamentary Secretariat for Local Government dwar A+ Accessibility Award.

8.5 Minghand l-Arcipriet dwar invit ghall-Pontifikal Solenni ta' Jum il-Festa Titulari. Il-Kunsilliera gew mitluba sabiex jinfurmaw lis-Segretarju Ezekuttiv dwar min ser jattendi sabiex jigi infurmat l-Arcipriet.

8.6 Shirley Anne Cecchini tat is-suggeriment taghha u demostrazzjoni ta' survey li hija ppreparat sabiex ikun jista' jsir mill-Kunsill. Dan gie muri fuq tablet. Il-Kunsill qabel li ghandu jintuza dan is-survey.

8.7 Emanuel Muscat talab lis-Sindku dwar x'intqal fuq l-ewwel punt peress li ma kienx prezenti. Is-Sindku aggornah dwar dan.

**9.0 Aggornament**

9.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar 20/21 ta' Lulju, 2015.

9.2 Il-laqgha spiccat hin 16.10pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv